**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u tnejn u erbghin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Hamis 17 ta' Lulju 2014 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

1. **Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Vici Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta, *Misnt SMM(UK), MCIM (UK), MBA (Maastricht), Chartered Marketer* | Kunsillier |
| Is-Sur Antonello Cuschieri | Kunsillier |

2. **Talba**

Is-Sindku qal it-talba.

Is-Sindku stieden lis-Segretarju Ezekuttiv taghmel l-intervent taghha waqt il-laqgha.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat lill-membri li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien gibed l-attenzjoni tal-Kunsill, dwar il-Budget approvat mill-Kunsill fi Frar li ghadda, fejn kien jidher li ghas-sena 2014, il-Kunsill Lokali kien se jaghlaq il-kotba tieghu b'deficit ta' € 333, 557.88. Minkejja l-fatt li s-Segretarju Ezekuttiv infurmat lid-Dipartiment li kien hemm Retained Funds ta' € 364,049.57, id-Dipartiment talab li jsir aggustament tal-Budget. – kopja tad-Dokument anness immarkat 'A'

Ghaldaqstant sar ezercizzju mal-Accountant tal-Kunsill, fejn seta' jsir tnaqqis mill-ispejjez. Dan kollu sar bil-konsulenza tas-Sindku li kien involut fl-ezercizzju, ta' revizjoni ta' dan il-Budget.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li t-tnaqqis fl-ispejjez sar mill-Operations & Maintanance kif ukoll fil-Capital Expenditure.

Fil-fatt, it-tnaqqis jidher fid-dokument *Budget 2014 – Revised*, immarkat bhala Dok 'B'.

F”dan id-dokument jidher li l-Kunsill xorta se jkollu *deficit* ta’ € 72, 329.05, izda galadarba l-Kunsill jahdem bil-ghaqal, dan l-ammont jitnaqqas ukoll.

Is-Sindku ressaq il-Budget rivedut ghall-approvazzjoni.

Il-Kunsill unanimament approva l-Budget – Revised (DOK ‘B’).

**<u>Hwejjeg ta’ Natura Urgenti</u>**

Is-Sindku spjega li l-Kunsill qed ikollu bosta lmenti minhabba l-armar tal-gabbani li hemm fi Pjazza San Pawl. Is-Sindku fisser li minhabba li z-zmien dahal sewwa u ma fadalx zmien biex immexxu dawn il-gabbani, ikun opportun li niehdu l-parir tal-Pulizija tad-Distrett dwar dawn il-gabbani.

Festival tac-Cikkulata 2014

Is-Sindku fisser li l-artist Andrew Farrugia mhux se jkun jista’ jahdem il-Festival tac-Cikkulata fid-data proposta, jigi fit-18 t’Ottubru 2014. Ghaldaqstant sar qbil li l-festival jitmexxa b’gimgha lura, jigifieri fil-25 t;Ottubru 2014.

Il-Kunsill qabel li tintbaghat notifika lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b’dan it-tibdil.

Il-Kunsillier Judith Bugeja ssuggeriet li l-kunsilliera sabiex iressqu suggeriment dwar in-nuqqasijiet u l-hsibijiet sabiex dan il-festival jibqa’ jzomm il-livell gholi tieghu.

Il-Kunsill qabel dwar dan u mistenni jiddiskuti din l-attivita’ fis-Seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

Il-laqgħa ġiet aġġornata.

| | |
|---|---|
| Vincent Bonello | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Kunsill Lokali Ħamrun | Kunsill Lokali Ħamrun |

DATA